

## V

(Opinjonijiet)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Jannar 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Rejonowy Gdańsk-Północ — Ir-Repubblika tal-Polonia) — MG Probud Gdynia sp. z.o.o. vs Główny Urząd Celny w Saarbrücken**

(Kawża C-444/07) <sup>(1)</sup>

(Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Regolament (KE) Nru 1346/2000 — Proċedimenti ta' falliment — Rifjut ta' Stat Membru li jirrikonoxxi d-deċiżjoni li jinfetħu proċedimenti ta' falliment meħuda mill-qorti kompetenti ta' Stat Membru ieħor kif ukoll id-deċiżjonijiet relatati mal-iżvolġiment u mal-ġħeluq ta' dawn il-proċedimenti ta' falliment)

(2010/C 63/02)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Qorti tar-rinvju**

Sąd Rejonowy Gdańsk-Północ

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: MG Probud Gdynia sp. z.o.o.

Konvenuta: Główny Urząd Celny w Saarbrücken

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Sąd Rejonowy Gdańsk — Interpretazzjoni tal-Artikoli 3, 4, 16, 17 u 25 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar proċedimenti ta' falliment (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 191) — Apprōpjazzjoni, mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, tal-beni finanzjarji li kienu jinsabu fil-kont tal-bank ta' impriċa wara li nfetħu proċedimenti ta' falliment kontrihha fi Stat Membru ieħor, minkejja d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li fih infetħu l-proċedimenti — Rifjut ta' Stat Membru li jirrikonoxxi l-proċedimenti ta' falliment miftuħa minn qorti ta' Stat Membru ieħor fin-nuqqas ta' ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' falliment f'dan l-Istat.

**Dispożittiv**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000, dwar proċedimenti ta' falliment, b'mod partikolari l-Artikoli

3, 4, 16, 17 u 25 tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'kawża bħal dik prinċipali, wara l-stuħi ta' proċedimenti prinċipali ta' falliment fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor, li fih ma jkunu nfetħu ebda proċedimenti sekondarji ta' falliment, għandhom l-obbligu, suġġett għar-raġunijiet għal rifjut derivanti mill-Artikoli 25(3) u 26 ta' dan ir-Regolament, li jirrikonoxxu u jeżegwixxu d-deċiżjoni jiet kollha relatati ma' dawn il-proċedimenti prinċipali ta' falliment u, għaldaqstant, m'għandhom id-dritt li jordnaw, b'applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru l-ieħor, miżuri eżekuttivi fir-rigward tal-assi tad-debitur iddikjarat fallut li jinsabu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, meta l-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat tal-stuħi ma tippermettix dan u meta l-kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta l-applikazzjoni tal-Artikoli 5 u 10 ta' dan ir-Regolament mhumiex sodisfatti.

<sup>(1)</sup> ĠU C 283, 24.11.2007

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-14 ta' Jannar 2010 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État — il-Belġju) — Association générale de l'industrie du médicament (AGIM) ASBL (C-471/07 u C-472/07), Bayer SA (C-471/07 u C-472/07), Pfizer SA (C-471/07 u C-472/07), Servier Benelux SA (C-471/07 u C-472/07), Janssen Cilag SA (C-471/07), Sanofi-Aventis Belgium SA, li kienet Sanofi-Synthelabo SA (C-472/07) vs État belge**

(Kawża magħquda C-471/07 u C-472/07) <sup>(1)</sup>

(Direttiva 89/105/KE — Trasparenza tal-miżuri li jirregolaw l-iffissar tal-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Artikolu 4(1) — Effett dirett — Ifriżar tal-prezzijiet)

(2010/C 63/03)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinvju**

Conseil d'État